**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 8 ta' Ottubru, 2015

Rikors Guramentat numru : 75/2012 AL

**AB**

**vs**

**L-Avukat Dr Patrick Valentino u l-PL Hilda Ellul Mercer b'digriet tal-4 ta' Mejju 2012 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-interessi ta' l-assenti CD u b'nota tad-19 ta' Frar 2015 CD assumiet l-atti kollha ta' dan ir-rikors u b'digriet tal-14 ta' Marzu 2015 il-Qorti ordnat illi l-kuraturi deputati Dr Patrick Valentino u il-PL Hilda Ellul Mercer jigu estromessi mill-kawza**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-attur li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi r-rikorrenti u l-intimata izzewgu fir-Registru taz-Zwieg, gewwa l-Belt Valletta, nhar is-sitta (6) ta' Mejju, tas-sena elfejn u hdax (2011) liema zwieg jinsab registrat fir-Registu Pubbliku ta' Malta b'Att taz-Zwieg bin-numru tlieta, sebgha, sitta, sbarra tnejn, zero, wiehed, wiehed (376/2011) kif jirrizulta mic-certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dok 'A';
2. Illi minn dan iz-zwieg, huma ma kellhom ebda wild;
3. Illi l-kunsens ta' l-attur ghaz-zwieg imsemmi inkiseb b'qerq dwar kwalita' tal-konvenuta li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
4. Illi l-kunsens tal-konvenuta ghaz-zwieg imsemmi kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu li, kif ukoll kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ghamlitha impossibbli ghall-istess konvenuta li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;
5. Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskuzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;
6. Illi ghalhekk z-zwieg bejn il-partijiet kien null u invalidu fil-ligi;
7. Illi l-esponenti jaf personalment bil-fatti kollha dikjarati u debitament enumerati;

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1) Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti iccelebrat gewwa r-Registru Pubbliku, l-Belt Valletta, nhar is-sitta (6) ta' Mejju, tas-sena elfejn u hdax (2011), kien null u invalid ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini ta' l-Artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta b'mod generali, u b'mod specifiku a tenur tal-provvedimenti tal-paragrafi (a), (b), (c), (d) u (f) ta' l-istess Artikolu 19 (1) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati, li permezz taghha eccepew :

1. Illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza pero jirriservaw illi jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri u aktar xhieda meta u jekk jirnexxilhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz odjern;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta Dauda Zenab, li permezz taghha eccepiet :

Illi l-konvenuta Dauda Zenab hija tal-fehma li hemm ragunijiet bizzejjed sabiex iz-zwieg bejna u l-attur A B jigi annulat pero mhux ghal ragunijiet imputabbli lilha imma minhabba li l-kunsens tal-attur kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tieghu;

Salv eccezzjonijiet ohra;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokument li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn l-attur u l-intimata assenti Dauda Zenab datat is-6 ta' Mejju 2011 jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19(1)(a), (1)(b), (1)(c), (1)(d) u (1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

## Il-verzjoni tal-attur

Illi permezz tax-xiehda tieghu[1], l-attur jghid li m'ghandux hjiel dwar fejn hi l-mara tieghu, li hi ta' nazzjonalita' Nigerjana. Jghid li l-ahhar kuntatt li kellu maghha kien sitt xhur qabel b'dan li lanqas ma kien jaf l-indirizz taghha bl-amment.

Sussegwentement permezz tal-affidavit tieghu[2] jghid li hu minn dejjem x-xewqa li jizzewweg u jifforma familja ma' mara li thobbu u tirrispettah. Jghid li kien sfortunat pero' f'dan ir-rigward anke ghax min-naha tieghu ghaggel. Jispjega li ltaqa' mal-intimata assenti meta kien wahdu f'Bugibba, raha fuq bank u resaq biex ikellimha. Introduciet ruhha bil-laqam taghha u jghid li sar jaf verament x'jisimha ftit qabel iz-zwieg.

Jghid li fiz-zmien tal-gherusija taghhom skopra biss xi affarijiet li qaltlu bihom hi, fosthom li kienet tahdem f'lukanda. Dehret tfajla helwa u bil-ghaqal u kien kuntent hafna bil-fatt li lil shabha kienet titrattahom bhala familja. Jghid li wara biss tliet gimghat li kienu ilhom jafu lil xulxin, ipproponietlu z-zwieg. Inhasad u qalliha li kien ghadu kmienu wisq, izda hi baqghet tinsisti sakemm accetta ghax kien ihobbha u kien konvint li min-naha taghha, kienet thobbu wkoll. Dwar iz-zwieg, ma qal xejn lil hadd mill-hbieb u lill-familjari tieghu ghaliex staha jghidilhom li kien ser jizzewweg daqshekk malajr.

Kollox baqa' sejjer tajjeb bejniethom sa' qisu gimghatejn wara z-zwieg, meta l-intimata biddlet l-attitudni taghha kompletament u bdiet tagixxi b'nuqqas ta' rispett lejh. Bdiet taghmel kollox ta' bilfors u sfurzat u ma kienitx tkun trid tohrog mieghu ghaliex donnha bdiet tisthi tidher mieghu. Jispjega li kien jiltaqa' maghha fil-hinijiet li kienet tiddetta hi filwaqt li ghal dak li hu relatat mal-intimita' ta' bejniethom, jghid li kienet taghmel kollox ta' bilfors.

---

[1] Ara x-xhieda tieghu datata t-22 ta' Gunju 2012 esebita a fol 25 tal-process
[2] Esebit a fol 28 tal-process

L-attur jispjega li minkejja li kienu mizzewwgin, hlief ghal dawk it-tliet ijiem li kien imur ghandha, ma kienux jghixu flimkien. Jispjega li meta mar ghandha minghajr ma avzaha, sab xi rgiel id-dar taghha u darba forst l-ohrajn, meta taha sorpriza u mar ghandha minghajr avviz, laqghetu b'hafna ghajjat u hedditu li ser twaddablu kitla mishun jekk jerga' jersaq lejha. Din kienet l-ahhar darba li ghamel kuntatt maghha ghaliex minn dak inhar il quddiem ma rrispondiet ebda telefonata. L-attur beda jissuspetta li kienet anke biddlet l-appartament ghaliex meta mar ifittixha diversi drabi qatt ma sabha – bhal donnu sparixxiet, tant li lanqas jaf jekk hijiex qieghda Malta jew le. Minkejja dan kollu, baqa' ma nbidel xejn min-naha tieghu u baqa' jittama li kienet ser tbiddel l-attitudni taghha. Ghamel kull sforz biex ir-relazzjoni taghhom tirnexxi izda llum jirrealizza li dahket bih u zzewgitu biss ghall-iskopijiet ta' mohha u forsi minhabba c-cittadinanza.

In kontro-ezami, jerga' jikkonferma li kienet l-intimata li pproponiet iz-zwieg u li qabel iz-zwieg ma kienx verament jafha. Jghid li l-intimata qaltlu li jew jizzewgu jew kienet ser titilqu. Accetta din il-proposta wara xi hmistax (15) –il gurnata jew xahar pero' jishaq li kien ihobbha u li hi nbidlet wara z-zwieg. Jghid li l-intimata ghamlitlu kondizzjoni li jmur ghandha u jorqod hemm tliet (3) darbiet fil-gimgha biss u dan fi granet li tghidlu hi stess. Qalilha li dan mhux zwieg pero' r-risposta taghha kienet li jew kien ser jaghmel hekk jew kienet ser thassar. Jiddikjara li ma kienx jaf b'din il-kondizzjoni qabel iz-zwieg. Jispjega li kien jaghtiha s-somma ta' €140 fil-gimgha u kien ikun irid jaghtiha tali flus qabel taccetta li tkun intima mieghu, liema intimita' skond hu kienet dejjem bil-protezzjoni u b'mod sfurzat da parti taghha. It-tnejn li huma ma riedux tfal. Jichad li ta n-numru taghha lil xi hadd jew li qal lil xi hadd li l-intimata kienet prostituta.

**<u>Il-Verzjoni tal-Intimata</u>**

Permezz tal-affidavit taghha[3], l-intimata tghid li zzewget lill-attur wara li kienet ilha tafu madwar sitt (6) xhur. Tghid li fil-bidu

[3] Esebit a fol 48 tal-process

kienet tiehu gost bil-kumpanija tieghu u li kienet qed issir genwinament thobbu. Tghid li kien wara tliet (3) xhur li pproponielha z-zwieg. Hasbet li kien ghadu kmieni wisq, pero' peress li kien joghgobha accettat. Tghid ukoll li l-attur ried jizzewweg daqshekk malajr sabiex juri lil kullhadd li kienet tieghu. Tkompli tispjega li kieku kien ghall-attur, kienu jizzewwgu dik il-gimgha li pproponielha pero' dan ma kienx possibbli peress li kellhom bzonn xi dokumenti.

Tispjega li qabel iz-zwieg dejjem wera li kien ragel sew u li qatt ma wera xi agir jew taha x'tifhem li hu razzist. Tiddiskrivi l-ewwel ftit xhur taz-zwieg bhala zmien felici fejn kien ikollhom relazzjonijiet intimi flimkien pero' wara madwar erba' (4) xhur, bdiet tara persuna differenti f'Joseph. Beda jghir ghaliha u jkun possessiv u ma jhallihiex tiltaqa' ma xi nies ohrajn. Ma tafx x'inhi r-raguni ghal tali bidla fil-karattru tieghu u ghaliex ma riedx jiltaqa' ma' ohtha imma rrealizzat li ma kienx interessat fiz-zwieg aktar. Ssostni li pruvat issalva z-zwieg. Sahansitra talbitu biex ikollhom tarbija pero' rrifjuta ghax ma riedhiex li tibqa' hawn Malta. Hi rat li dan kollu kien stramb hafna ghaliex kienu ilhom mizzewwgin ftit xhur biss, imma kien evidenti li ma riedx jibqa' maghha. Tghid li qalliha li kien izzewwigha ghaliex riedha li tkun tieghu biss.

Iddecidiet li kellha tiddeciedi li z-zwieg taghhom spicca meta l-intimat beda jaghti n-numru tat-telefon taghha lin-nies biex icemplulha ghas-sess. Dan l-agir weggaghha hafna kemm bhala mara kif ukoll bhala Afrikana peress li tghid li f'pajjizna ssofri hafna pregudizzji. Illum tirrealizza li ghamlet zball meta zzewgitu pero' tammetti li kienet ghamja bl-imhabba. Ma rrealizzatx x'tip ta' persuna hu u li kien jaghmel affarijiet sbieh ghaliha biss ghal ragunijiet relatati mas-sess u xejn aktar. Tichad li zzewget ghal ragunijiet ta' visa ghaliex qabel iz-zwieg kellha visa valida u zzid tghid ukoll li ghamlilha l-hsara mal-awtoritajiet tac-cittadinanza u l-visa unit ghaliex qalilhom li zzewgitu biss ghal ragunijiet ta' konvenjenza u dawn emmnuh. Taghlaq billi tghid li m'ghandhiex bzonn li tkun mizzewga lil xi Malti tant li ghandha relazzjoni ma' ragel ta' nazzjonalita' Afrikana u minnu ghandha tarbija, ghalkemm l-attur ma riedx li jiffirma li t-tarbija m'hijiex tieghu.

**Il-Mertu tal-Kaz odjern**

Il-partijiet jidher li zzewgu nhar is-6 ta' Mejju 2011 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg esebit a fol 4 tal-process.

F'dan l-istadju l-Qorti ser tghaddi sabiex tiddiskuti l-aggravji li fuqhom hija msejsa l-kawza odjerna. Illi dwar l-Artikolu 19(1)(a) tal-Kap. 255 il-Qorti trid tistaqsi jekk kienx hemm pressjoni biex jigi celebrat dan iz-zwieg u jekk tali pressjoni tammontax sa' dak il-grad li tesigi l-ligi u skont dak li gie stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Il-mistoqsija hija jekk tali biza' kienitx tammonta ghal dik il-biza' hekk kif hija necessarja sabiex iz-zwieg tal-partijiet jigi dikjarat null abbazi tal-artikolu 19(1)(a) tal-Kap. 255. Dan qieghed jinghad ghaliex fil-kawza fl-ismijiet **Calleja Marianna Vs Calleja Francis**[4]**,** il-Qorti tat spjegazzjoni ta' x'tip ta' biza' trid necessarjament tigi pruvata sabiex it-talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita abbazi ta' dan l-Artikolu tigi milqugha. Fi kliem l-Onorabbli Qorti, "***Biex pressjoni ndipendentement minn konsiderazzjonijiet ohra, tista` tinvalida l-kunsens matrimonjali, din il-pressjoni trid tammonta ghal vjolenza morali jew biza' esterna ta' natura irrezistibbli, cjoe` trid tkun pressjoni li ddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens***" u zzid tghid li "***Sabiex vjolenza morali twassal ghal effett li tinvalida z-zwieg trid tkun (i) ingusta, (ii) gravi, u (iii) determinanti…Fl-ewwel lok il-biza' trid tkun gravi; fit-tieni lok, il-persuna li qed jesercitaha jrid ikun kapaci, presumevolment li jesegwixxi dak li jhedded li jaghmel; u fit-tielet lok il-biza' trid tkun motiv principali ghaliex il-persuna tasal li tizzewweg, biex tevita l-konsegwenzi tat-theddid***"***.***

Il-Qorti tirrileva li minkejja li l-attur jghid li l-intimata ghamlitlu pressjoni ghaz-zwieg ghaliex inkella kienet ser thassar, tali pressjoni ma tammontax ghal theddida skond il-gurisprudenza citata hawn fuq. L-attur, li kellu certu eta', seta' fehem li l-intimata riedet li tintrabat fiz-zwieg ghal xi raguni u kien jaf li kellu ghazla. L-fatt li jishaq kemm kien ihobbha jkompli

[4] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2002 mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili

jikkonferma kemm fil-fatt hu ried jizzewwigha u li m’ghamel xejn kontra qalbu. Ghalhekk il-Qorti tara li m’hemmx ragunijiet bizzejjed sabiex tilqa’ t-talba ghal dikjarazzjoni ta’ annullament abbazi ta’ dan l-Artikolu *stante* li l-estremi citati aktar ‘il fuq ma jirrizultawx.

Illi dwar l-Artikolu 19(1)(b) l-Qorti tirrileva li mix-xiehda tal-istess rikorrenti ma ssir ebda referenza ghal xi forma ta' zball li seta' sar dwar l-identita' tal-partijiet jew tal-istess intimata. L-uniku accenn li jaghmel l-attur huwa l-fatt li ma kienx jaf lill-intimata verament pero’ dan huwa relatat ma’ aspetti tal-karattru taghha jew ahjar tal-agir taghha izda mhux zball ta’ identita’. Konsegwentement, il-Qorti m’ghandha ebda bazi fuq x’hiex tasal ghal konkluzjoni ta’ nullita fuq dan l-aggravju.

Illi dwar l-Artikolu 19(1)(c) u cioe’ li l-kunsens tal-attur inkiseb b’qerq dwar xi kwalita’ tal-parti l-ohra li tista’ mix-xorti taghha tkixkel serjament il-hajja mizzewga, il-Qorti tirrileva li mill-provi prodotti, jirrizulta b’mod car li l-partijiet ma kienux jghixu flimkien hlief ghal tliet (3) ijiem fil-gimgha. L-attur jispjega li din kienet kondizzjoni imposta fuqu mill-intimata u li sar jaf dwarha wara z-zwieg. F’dan l-istadju, il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Micallef Pierina Vs Bentanfous Amor**[5] fejn gie dikjarat li “***Kwantu ghal "qerq" …. dan certament hu motiv ta' nullita` tal-ftehim jew tal-kuntratt kif hekk del resto jiddisponi l-Artikolu 981(1) tal-Kodici Civili. L-eghmil doluz pero` ma jista' qatt ikun prezunt u ghandu jigi pruvat (Artikolu 981(2)). Il-qerq irid ikun tali li jkun jista` jbieghed ir-raguni u jeghleb il-volonta`***”. Imbaghad, permezz tal-kawza fl-ismijiet **Sciberras Stephen Vs Av. Francesco Depasquale Et Nomine**[6] gie sostnut ukoll li “***Sabiex ikun hemm nullita` ta` zwieg fuq il-bazi li l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mixxorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga, huwa mehtieg li tali kwalita`:***

[5] Deciza nhar id-9 ta’ Dicembru 2002 mill- Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Civili
[6] Deciza nhar id-09 ta’ Dicembru 2002 mill-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Civili

***1. tkun wahda inerenti ghall-persuna u mhux xi att fil-passat;***

***2. tkun prezenti fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg;***

***3. tkun gravi jew oggettivament jew soggettivament;***

***4. ma tkunx maghrufa lill-parti l-ohra;***

***5. tigi mistura frawdolentement sabiex jigi ottjenut il-kunsens maritali; u***

***6. trid tipprovoka krizi meta tigi skoperta, ghax inkella jitqies li l-izball ma kienx sostanzjali***".

Il-Qorti hija konvinta li dan kien aspett li l-attur ma kienx jaf bih, pero' mix-xiehda tal-istess attur, jirrizulta li ghalkemm ma kienx kuntent dwar dan l-aspett, kien donnu accettah tant li ma kienx dan l-istess aspett li wassal sabiex il-partijiet jinfirdu. Ghalhekk ghalkemm l-attur ma kienx jaf b'tali kondizzjoni, jirrizulta b'mod car li tali kondizzjoni ma kienitx tax-xorta li fixklet iz-zwieg ghaliex donnu li l-attur kien accetta tali kondizzjoni wkoll.

Illi dwar l-Artikolu 19(1)(d) u cioe' li l-kunsens tal-intimata kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ukoll minhabba li l-intimata minhabba anomalija psikologika serja kienet inkapaci illi taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, il-Qorti thoss li mill-provi esebiti, jirrizulta bl-aktar mod car li l-partijiet dahlu ghal dan iz-zwieg b'mod mghaggel minghajr ma verament kienu jafu lil xulxin pero' fl-istess hin it-tnejn li huma jghidu li dehrilhom li dan kien pass mghaggel, tant li min-naha tieghu l-attur jghid li dam ma taha

risposta bejn hmistax (15) –il gurnata u xahar, filwaqt li min-naha taghha l-intimata tghid li hasset li kien kmieni wisq pero' accettat li tizzewgu ghaliex kien joghgobha.

F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Parties Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[7] fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi pruvat quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Onorabbli Qorti:

"***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom***"***.***

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph**[8] "***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-***

[7] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[8] Deciza nhar id-29 ta' Mejju 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

***estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***".

In vista tal-gurisprudenza citata aktar 'il fuq u in vista tac-cirkustanzi li wasslu ghal dan iz-zwieg, il-Qorti thoss li fil-mument propizju, l-intimata kienet taf li kienet qieghda tghaggel fid-decizjoni taghha izda ghazlet li tibqa' ghaddejja. L-fatt li rrealizzat li dan kien pass mghaggel ferm (kif wara kollox kien jaf ukoll l-attur) juri li l-partijiet kienu jafu x'qieghdin jaghmlu. Ghamlu decizjoni hazina pero' kienu jafu x'tip ta' decizjoni qieghdin jiehdu u ghalhekk zgur li ma jistax jinghad li kien hemm xi nuqqas ta' diskrezzjoni tal-gudizzju.

Illi dwar l-Arikolu 19(1)(f) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet inkiseb b'eskluzjoni pozittiva ta' wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, senjatament il-hajja konjugali flimkien u l-eskluzjoni taz-zwieg, il-Qorti tirrileva li sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg f'dan il-kuntest, irid jigi necessarjament ppruvat li xi wiehed mill-partijiet ghamel simulazzjoni parzjali tal-kunsens tieghu jew taghha. F'dan il-kuntest ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[9] fejn gie ritenut li "***Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra***".

Il-Qorti tirrileva li l-intimata eskludiet li l-partijiet jghixu flimkien u jiffrumaw nukleu ta' familja gdida, b'dan li jghixu taht l-istess saqaf. Il-Qorti taghti kredibilita' lill-attur meta jghid li ma kienx jaf li l-intimata kienet ser timponi fuqu li jmur ghandha biss tliet (3) darbiet fil-gimgha u xejn aktar. Tali kondizzjoni twassal ghal sitwazzjoni fejn il-partijiet, minhabba decizjoni tal-intimata, spiccaw biex ma ghexux ta' koppja mizzewga u tali fattur kien mistur ghall-attur. Apparti minn hekk, jirrizulta zgur li l-attur ma

[9] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

riedx tfal mill-intimata. Min-naha tieghu l-attur jghid li kienu t-tnejn li huma li eskludew il-possibilita' li jkollhom l-ulied filwaqt li l-intimata tghid li kien l-attur biss li ma riedx ulied. Il-fatt jibqa' pero' li l-ulied gew eskluzi fiz-zwieg u ghalhekk jirrizulta li gie eskluz element essenzjali taz-zwieg.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet, b'dan li provvizorjament l-ispejjez tal-Kuraturi Deputati ghandhom jithallsu mill-attur.

Ft. Dr. Abigail Lofaro
Imhallef

Ft. Rita Vella-Baldacchino
Deputat Registratur